# Għeluq il-100 Sena mill-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta 1913-2013

Bejn it-22 u s-27 t'April 1913 ġie organizzat f'Malta l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Dan il-Kungress Ewkaristiku ilu jiġi ċċelebrat fi bliet differenti mad-dinja kollha sa mill-1881, meta kien sar ġewwa Lille fi Franza, bl-aħħar wieħed isir ġewwa Dublin, l-Irlanda, fl-2012.

Jidher li l-ideja li dan il-Kungress isir f'Malta fl-1913 kienet tal-Markiż Dott. Alfredo Mattei, li kien preżenti għall-Kungress Ewkaristiku li kien sar f'Londra fl-1908. Huwa avviċina lill-Isqof ta' Malta, Mons Pietro Pace, li qabel ma' din il-proposta, u saru diversi kuntatti mal-Isqof ta' Namur, Mons Tommaso Heylen, li kien il-President tal-Kumitat Organizzattiv. L-Isqof Mons Pietru Pace għamel talba lill-Papa Piju X, il-Papa tal-Ewkaristija, għal dan il-għan u Malta ġiet magħżula biex tospita dan il-Kungress fl-1913.

L-iskop ewlieni ta' dan il-Kungress Ewkaristiku kien li jingħata l-ikbar ġieħ u glorja lill-Ewkaristija u li jinsabu mezzi kif jitkabbar dejjem iżjed l-għarfien u l-imħabba lejn dan is-Sagrament adorabbli li huwa l-akbar teżor li għandha l-Knisja Mqaddsa.

Il-Kungress infetaħ fil-Knisja tal-Mosta, f'nofsinhar, fejn saru diversi diskorsi minn mistednin distinti li ġew Malta apposta. Nhar l-24 t'April kien ġie ddedikat lit-tfal, fejn eluf ta' tfal inġabru fil-Knisja ta' San Publiju, fil-Furjana, għall-quddiesa u t-tqarbin. Dakinhar saret quddiesa pontifikali fil-Kolleġġjata ta' Birkirkara u oħra fl-Isla, kif ukoll taħditiet u diskussjonijiet b'diversi lingwi fil-knejjes tal-Belt Valletta.










Fil-25 reġgħu saru laqgħat kbar fil-Mosta fejn attendew ukoll id-Duka ta' Norfolk u s-Sinjura tiegħu. F'diversi knejjes oħra saru kungressi żgħar, fejn ġew diskussi temi dwar iċ-ċivilta' Kattolika u l-Ewkaristija. Inqrat ukoll it-telegramma li bagħat il-Papa għall-istess okkażjoni tal-Kungress. Dak il-jum ingħalaq b'adorazzjoni mill-10 ta' filgħaxija sal-4 ta'filgħodu.

Fl-aħħar jum tal-Kungress saret quddiesa pontifikali fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann u tqarbina ġenerali fil-Knisja ta' Ġiezu fil-Belt ukoll. Il-Kungress ingħalaq bil-Barka Sagramentali tal-Baħar Malti fil-Port il-Kbir mill-Barrakka ta' Fuq.

Saru wkoll attivitajiet fir-Rabat, Malta. L-attivitajiet kollha għalqu ġewwa Għawdex fejn tkanta t-Te Deum u t-Tantum Ergo fil-Katidral u mbagħad sar il-ftuħ u t-tberik tal-Knisja ta' Santa Sabina, li kienet ġiet imkabbra.

Infakkru li l-innu Ewkaristiku immortali "**Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema**", kliem ta' Dun Karm Psaila u mużika ta' Mro Giuseppe Caruana, kien inkiteb apposta għal din l-okkażjoni u kien twaqqaf ukoll dak il-Monument sabiħ ta' **Kristu Re** li nsibu fil-Furjana, xogħol l-artist Malti Antonio Sciortino.

Dan il-Kungress kien ġie mfaħħar ħafna mill-mistednin barranin kif ukoll minn ġurnali bħal L'Osservatore Romano, li qal li għalkemm Malta kienet gżira żgħira kienet kapaċi torganizza Kungress fuq l-istess livell bħal dawk ta' Madrid, Londra u Pariġi.